Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 62

It-Tlieta 13 ta' Novembru 2018

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, fil-5:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Horace Gauci – Sindku
Steven Grech – Viċi Sindku
Stephen Caruana – Kunsillier
Daniel Zerafa – Kunsillier

ASSENTI:

Janice Chetcuti – Kunsilliera

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| 62.1 | Qari ta' ittri ta' apoloġiji |
| 62.1.1 | Is-Sa Janice Chetcuti infurmat lill-Kunsill li kellha tattendi laqgħa oħra li ma kinitx mistennija u għaldaqstant ma kinitx ċerta tlaħħaqx tiġi għal-laqgha tal-Kunsill. Il-Kunsilliera preżenti ma sabu l-ebda oġġezzjoni. |
| 62.2 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti |
| 62.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti innumerata 60 flimkien mal-kopja tas-Seduta b'Urġenza numru 61, kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ittieħdu bħala moqrija. |
| 62.2.2 | Is-Sur Daniel Zerafa ippropona u s-Sur Stephen Caruana issekonda l-minuti tas-Seduti 60 u 61, u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| 62.3 | Komunikazzjonijiet mis-Sindku |
| 62.3.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar it-12 t'Ottubru 2018, flimkien mas-Sur Daniel Zerafa kien attenda programm ta' Quiz fuq TVM. |
| 62.3.2 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar is-17 t'Ottubru 2018 attenda għan-*National Launch* tal-ġbir tal-iskart organiku li nżammet fil-lukanda tal-*Corinthia Palace*. |
| 62.3.3 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar it-18 t'Ottubru 2018 attenda laqgħa mal-Uffiċċju Elettorali sabiex jiġbor informazzjoni fuq il-proċess tar-Referendum. |
| 62.3.4 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar it-18 t'Ottubru 2018 flimkien mas-Sur Steven Grech attenda laqgħa mal-Ministeru tat-Turiżmu rigward il-Bajja tal-Għar l-Aħmar. |
| 62.3.5 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar is-26 t'Ottubru 2018 flimkien mas-Sur Daniel Zerafa u s-Sa Janice Chetcuti attenda għas-*Site Inspection* dwar l-Appell tal-Barumbara. |
| 62.3.6 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li nhar is-27 t'Ottubru 2018 attenda għal-Laqgħa Plenarja Straordinarja tal-Assoċċjazzjoni tal-Kunsill Lokali li nzammet fil-lukanda *Dolmen* f'San Pawl il-Baħar fejn ġiet diskussa primarjament il-White Paper dwar il-Gvern Lokali. |
| 62.3.7 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li nhar it-28 t'Ottubru 2018 flimkien mal-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali attenda il-Bank tad-Demm fil-Pietà fejn saret attività ta' Għoti tad-Demm f'għeluq il-25 sena mit-twaqqif tal-Gvern Lokali. |
| 62.3.8 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li nhar id-29 t'Ottubru 2018 flimkien mas-Sur Steven Grech, is-Sur Daniel Zarafa, is-Sa Janice Chetcuti u s-Sa Emma Vella kien attenda laqgħa mal-Ministeru tat-Turiżmu (MOT) rigward il-monti ta' nhar ta' Ħadd f'Marsaxlokk. |
| 62.3.9 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li nhar il-31 t'Ottubru 2018 kien attenda laqgħa maċ-*Chief of Staff* tal-President rigward bejgħ tal-kotba 'Tisjir mill-Qalb' b'riża il-*Community Chest Fund*, mill-Kunsill Lokali. |

| | |
|---|---|
| 62.3.10 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar il-31 t'Ottubru 2018 kien attenda laqgħa tal-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-ftehim li sar ma' entitajiet oħra u li ħa jidħol fis-seħħ f'Jannar 2019. Is-Sindku żied jgħid li fost oħrajn il-ftehim jinkludi l-MOU tal-Bereġ, il-*Local Integration Charter* u l-Ħaddiema Assenjati. |
| 62.3.11 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar l-1 ta' Novembru 2018 attenda seduta tal-Awtorità tal-Ippjanar rigward l-iżvilupp tal-Lukanda *Hunters' Tower*. |
| 62.3.12 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar it-2 ta' Novembru 2018 kien bagħat il-kummenti tiegħu lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward il-*White Paper* dwar il-Gvern Lokali. Dan għaliex ma setgħax jattendi għall-laqgħa li nżammet f'dan ir-rigward. Is-Sur Horace Gauci informa lill-Kunsill li s-Sur Daniel Zerafa kien attenda għal din il-laqgħa. |
| 62.3.13 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar is-6 ta' Novembru 2018 flimkien mas-Sa Emma Vella attenda laqgħa mal-Perit rigward pjanta ġdid ta' tisbiħ għal Pjazza Dun Ġużepp Caruana, f'Marsaxlokk. |
| 62.3.14 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar is-7 ta' Novembru 2018 attenda laqgħa tar-Reġjun Xlokk fejn ġew diskussi l-iskart, il-kolletturi tal-iskart u t-*tender* il-ġdid tal-i*Street Lightining*. |
| 62.3.15 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar it-8 ta' Novembru 2018 flimkien mas-Sur Steven Grech u s-Sa Emma Vella attenda għal laqgħa ma' IM fejn ġew diskussi materji varji fir-rigward ta' toroq li hemm bżonn li jiġu irranġati f'Marsaxlokk. |
| 62.3.16 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar l-10 ta' Novembru 2018 attenda għall-*workshop* rigward *Heritage Regeneration* fil-binja tal-Kunsill. |
| 62.3.17 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar l-10 ta' Novembru 2018 attenda għal *CSR Activity* f'Dar Papa Franġisku, organizzata mill-Assoċċjazzjoni tal-Kunsill Lokali f'għeluq il-25 sena mit-twaqqif tal-Gvern Lokali. |
| 62.4 | Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri |
| 62.4.1 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Il-Barumbara"? Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Kunsill Lokali għandu jitkellem mal-Perit konċernat rigward il-pjanta tal-Barumbara tal-Kavallerizza. |
| 62.4.2 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Il-Ġnien tal-*Car Park*?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandha tinżamm laqgħa mal-Perit konċernat rigward il-Ġnien. |
| 62.4.3 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Tabelli u Karrijiet tad-Dgħajjes?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Avviżi għandhom jitwaħħlu mad-dgħajjes kollha u tinżamm laqgħa ma' TM. |
| 62.4.4 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Grant tal-*Wasteserv*?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandu jintalab permess mingħand il-Wasteserv sabiex jiġu ordanti ponsiettas għal kull *household* f'Marsaxlokk bħala ringrazzjament lir-residenti fir-rigward tas-separazzjoni ta' ġbir ta' skart, hekk kif kien diġà miftiehem f'Seduta preċedenti. |

| | |
|---|---|
| 62.4.5 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Imwejjed u Siġġijiet?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandha tinżamm laqgħa man-nies kompetenti f'dan ir-rigward. |
| 62.4.6 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "*L-emails*?" Wara diskussjoni libera ġie deċiz li ċertu deċiżjonijiet tal-Kunsill ma għandhomx jittieħdu permezz ta' *email* imma għandhom jiġu diskussi waqt il-laqgħa tal-Kunsill. |
| 62.5 | Rapporti |
| 62.5.1 | - Permezz ta' korrispondenza datata 2 ta' Novembru 2018 mingħand sid ta' stabbiliment tal-ikel f'Marsaxlokk, il-Kunsill ġie infurmat rigward proposta ta' *railing* mad-dawra ta' l-art fejn jitpoġġew l-imwejjed u s-siġġijiet sabiex ikun hemm sigurtà għall-klijenti. Wara diskussjoni libera l-Kunsill preżenti qabel ma' din il-proposta fuq bażi li s-sid ikollu l-permessi kollha neċessarji ta' TM kif ukoll li jħalli aċċess għal persuni b'diżabiltà.<br><br>- Permezz ta' *email* datata 9 ta' Novembru 2018 mibgħuta mingħand Aġenzija Sapport *INK Project*, il-Kunsill ġie infurmat bi stedina għal laqgaha rigward il-possibiltà sabiex jiġi impjegat persuna b'diżabiltà mal-Kunsill Lokali. Is-Sindku se jiċċekja dwar il-materja.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 5 ta' Novembru 2018 mibgħuta minn resident, il-Kunsill ġie infurmat li l-istess resident qed joġġezzjona deċiżjoni ta' TM rigward *double yellow lines* li ġew imissu mar-residenza tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien diġà sar komunikat ma' TM f'dan ir-rigward u ġie infurmat li d-deżiżjoni tiġi evalwata wara sitt xhur mid-data tal-approvazzjoni tal-permess.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 12 t'Ottubru 2018 mibgħuta mill-Moviment Kerygma, il-Kunsilliera preżenti ġew infurmati bl-organizzazjoni tal-Premju Żagħżugħ tas-Sena b'mod Nisrani fis-soċjetà Maltija.<br><br>- Permezz ta' *email* datata 30 t'Ottubru 2018 il-Kunsill ġie infurmat b'korrispondenza mibgħuta mill-Ministeru tat-Turizmu lill-Kummissarju tal-Pulizija u l-Ministeri MHAS, l-MEIB, l-MJCL u l-MTIP fir-rigward tal-Monti ta' nhar ta' Ħadd u sabiex tinżamm laqgħa f'dan ir-rigward.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 9 ta' Novembru 2018 il-Kunsilliera prezenti ġew infurmati b'rikjesta li għamel resident sabiex isir ċint madwar ir-residenza tiegħu, liema art tappartjeni lilu. Wara diskussjoni libera il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni fuq bażi li r-resident jikkonsulta mal-Awtorità tal-Ippjannar sabiex ikollu linji gwida.<br><br>- Permezz ta' Ċirkolari mibgħuta mid-Direttorat għall-Gvern Lokali innumerata *SPI*12/2018 u datata 2 ta' Novembru 2018, il-Kunsilliera preżenti ġew infurmati bi Skema Finanzjarja favur il-Komunità, "Ħajja aħjar permezz ta' Eżerċizzju Fiżiku u *Sports*". Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Kunsill għandu japplika għal din l-iskema u jalloka ammont żgħir mill-allokazzjoni tiegħu għas-sena 2019 għal dan il-għan.<br><br>- Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill Lokali li wasal biex jagħlaq il-kuntratt tal-kera tal-binja tal-Kunsill. Għaldaqstant dan ried jiġi mġedded u fakkar lill-Kunsill li l-kera taf terġa' togħla fil-prezz bħalma ġara fis-snin preċedenti. |

| | |
|---|---|
| | - Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera preżenti li trid tiġi mifthiema d-data tal-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Lokalità li trid tinżamm f'Diċembru 2018. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li din il-laqgħa għandha ssir fl-istess ġurnata li tkun mifthema l-laqgħa tal-Kunsill ta' Diċembru.<br><br>- Il-Kunsill Lokali iddiskuta l-applikazzjonijiet għal żvilupp bin-numri: PA/02545/17, PA/01267/18, PA/09560/18, PA/09722/18, RG/03889/18, RG/04700/18, PA/05906/18, PA/07953/18, PA/09210/18, RG/04701/18, PA/00395/18, PA/09055/18, PA/09075/18, PA/04297/18, PA/06032/17, PA/08809/18, PA/04367/18, PA/07244/18, PA/07273/18<br><br>Ġie deċiż illi ma kellha tinstab ebda oġġezzjoni għall-applikazzjonijiet imsemmija. |
| 62.6 | Mozzjonijiet |
| 62.6.1 | Ma kienx hemm. |
| 62.7 | Sejħiet għall-Offerti |
| 62.7.1 | - Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera li l-Evalwazzjoni tat-*tender* tal-iskart kien komplut mill-Bord il-ġdid tal-Evalwazzjoni hekk kif kien ordnat mill-Bord tal-Appell. Is-Segretarju żied jgħid li l-irħas *bidder* li kellu kollox *compliant* huwa l-istess bidder ta' meta kien ġie evalwat l-istess *tender* qabel ma' sar hemm l-appell. Wara diskussjoni libera, l-Evalwazzjoni tal-Bord ta' dan it-*tender* ġiet approvata mill-Kunsilliera preżenti.<br><br>- Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Evalwazzjoni tat-*tender* tas-*Soft Areas* kien komplut u spjega li kien hemm *bidder* wieħed biss għal din is-sejħa. Is-Sa Emma Vella żiedet tgħid li l-istess *bidder* kellu kollox *compliant* ma' dak li kien mitlub mill-Kunsill. Wara diskussjoni libera l-Evalwazzjoni tal-Bord ta' dan it-*tender* ġiet approvata mill-Kunsilliera preżenti.<br><br>- Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Evalwazzjoni tat-*tender* tal-Bandli ta' Ġnien il-Familja kien komplut mill-Bord maħtur. Is-Sa Emma Vella spjegat kif mhux il-*bidders* kollha kkwalifikaw għal dan it-*tender* għar-raġuni li mhux kollha kienu *compliant* ma' dak li kien mitlub. Wara diskussjoni libera l-Evalwazzjoni tal-Bord ta' dan it-*tender* ġiet approvata mill-Kunsilliera preżenti.<br><br>- Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera preżenti li fil-ġimgħat li ġejjin kien se jiġi evalwat it-*tender* tal-Letrini Pubbliċi minn Bord ta' Evalwazzjoni hekk kif kien mifthiem fis-Seduti preċedenti.<br><br>- Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill sabiex jikkunsidra jekk għandux jiġi kanċellat it-*tender* tar-*resurfucing* fi Triq iċ-Ċippi f'Marsaxlokk, għar-raġuni li l-kuntrattur li ġie *awarded* it-*tender* ma onorax dan miktub fl-istess *tender*. Is-Sa Emma Vella spjegat kif wara korrispondenza kontinwa mal-kuntrattur, la ġiet mibgħuta l-Garanzijja tal-Bank u lanqas ġie biex jiffirma l-kuntratt. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega wkoll li kien hemm *deadline* għall-fondi li kienu allokati għall-Kunsill mir-Reġjun Xlokk u għaldaqstant it-triq imsemmija kellha titlesat sa Diċembru 2018. |

| | |
|---|---|
| | Is-Sa Emma Vella infurmat lill-Kunsill li b'konsegwenza li l-kuntrattur ma onorax dak miftiehem fit-*tender*, kien diffiċli li t-triq titlesta fid-data stipulata u b'hekk il-Kunsill kien ikollu jagħmel tajjeb sabiex jikkumpensa għall-fondi mitlufa u jidħol għal spejjeż mhux pjanati. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsilliera li dan il-kuntrattur kien l-uniku *bidder* u għaldaqstant it-*tender* ma setgħax jingħata lil ħaddieħor. Wara diskussjoni libera u kunsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi imsemmijja, il-Kunsill unanimament qabel li dan it-*tender* kellu jiġi kanċellat. |
| 62.9 | Milied 2018 |
| 62.9.1 | Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera preżenti qablu li għall-Milied 2018 għandhom jiġu mżejna t-toroq hekk kif sar fis-snin preċedenti. Il-Kunsill qabel li għandu jħallas xi ħaġa tal-flus aktar sabiex dawk it-toroq imżejna f'Marsaxlokk jinxtgħelu qabel Diċembru. |
| 62.10 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti |
| 62.10.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 11/18) għall-approvazzjoni. |
| 62.10.2 | Fuq mozzjoni tas-Sur Daniel Zerafa, issekondata mis-Sur Stephen Caruana, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-lista li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| 62.10.3 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali il-lista ta' *petty cash* maħruġ matul ix-xahar t'Ottubru għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| 62.11 | Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss |
| 62.11.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali intemmet fis-7:30p.m. wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 18 ta' Dicembru 2018 fl-4:00p.m. |

Konfermati, illum 18 ta' Diċembru 2018.

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| ___________________ | ___________________ |
| Horace Gauci | Emma Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |